MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 559/2007

**Dennis Ciantar**
**(karta ta’ l-identita` numru 597583 (M))**

**vs**

**Rena Bartolo**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 ta’ Mejju, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti kellu relazzjoni sentimentali mal-intimata ghal aktar minn hames (5) snin;
1.2. Illi l-kontendenti kienu bi hsiebhom jizzewgu u bdew jixtru l-mobbli ghal dan il-ghan;

1.3. Illi r-relazzjoni *de quo* thassret unikament tort tal-intimata;

1.4. Illi r-rikorrenti sofra danni li ghalihom hi biss responsabbli l-intimata;

1.5. Illi nonostante diversi tentattivi biex jintlahaq ftehim, l-intimata qatt ma resqet ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni;

1.6. Illi konsegwentement ir-rikorrenti hassu kostrett jaderixxi din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` twiegeb u tghid ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

1.6.1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-eghrusija bejn il-partijiet giet terminata unilateralment mill-intimata minghajr gusta kawza u ghall-htija imputabbli lilha;

1.6.2. Tiddikjara li r-rikorrenti sofra danni tort unikament tal-intimata;

1.6.3. Tillikwida d-danni soffert mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominand;

1.6.4. Tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata bhala danni minn din il-qorti;

1.6.5. Tordna lill-intimata tirrestitwixxi lir-rikorrenti dawk ir-rigali kollha li irregalalha matul l-eghrusija;

1.6.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali dovuti lilu;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimata datata l-11 ta’ Gunju, 2007, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti kellha tieqaf minhabba htijiet serji imputabbli unikament lir-rikorrenti konsistenti:

2.1.1. Fi vjolenza;

2.1.2. F'intimidazzjoni;

2.1.3. Nuqqas ta' rispett;

2.1.4. Inkompatibilita` ta' karattru;

2.2. Illi l-kontendenti kienu flimkien iddecidew li jwaqqfu r-relazzjoni taghhom u ghalhekk, l-ewwel (1) talba ghandha tigi michuda;

2.3. Illi r-rikorrenti ma sofra l-ebda danni;

2.4. Illi l-azzjoni odjerna hi intiza biss biex tivvessa lill-intimata u ghalhekk, it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet ghandhom jigu michuda;

2.5. Illi l-mertu tal-hames (5) talba hu ezawrit stante li ftit tal-granet wara li l-kontendenti qablu li jitterminaw ir-relazzjoni taghhom  huma rritornaw ir-rigali li kienu taw lil xulxin;

2.6. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta' Mejju, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizjarju ghall-iskop hemm indikat, (ara fol 20);

4. Rat id-digriet taghha datat l-10 t'April, 2013, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tal-intimata, awtorizzat lill-kontendenti jitrattaw il-kawza bil-modalita` hemm riferita, (ara fol 83);

5. Ezaminat id-dokumenti kollha flimkien max-xhieda mismugha mill-assistent gudizzjarju fuq riferita;

6. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

7. Ezaminat in-noti rispettivi tal-partijiet, it-tnejn datati l-11 ta’ Lulju, 2013, (ara fol 95 u 107);

Ikkonsidrat:

8.0. Illi ezami tax-xhieda fuq riferita jwassal sintetikament ghas-segwenti analizi fattwali:

8.1. Illi l-kontendenti bdew jiffrekwentaw lil xulxin fl-eta` tenera meta r-rikorrenti kellu madwar sbatax (17) –il sena u l-intimata kellha madwar hmistax (15) –il sena;

8.2. Illi dawn damu hekk jiffrekwentaw lil xulxin ghal madwar hames (5) snin;

8.3. Illi tul dan il-perjodu ta’ frekwentazzjoni l-kontendenti kienu naturalment jiffrekwentaw lill-familji rispettivi u jirrizulta li generikament kellhom il-hsieb li jibqghu hekk jiffrekwentaw lil xulxin biex eventwalment ir-relazzjoni li kienu qed jikkostruwixxu twassalhom saz-zwieg;

8.4. Illi ovvjament dan il-pjan generiku ma avverax ruhu u illum qed jikkontendu l-vertenza odjerna;

Ikkonsidrat:

9. Illi r-rikorrenti qed jippretendi li l-flejjes u rigali minnu mahruga f’din ir-relazzjoni harighom biss ghaliex kellu intenzjoni serja li jizzewweg lill-intimata;

10. Illi min naha taghha, l-intimata ssostni li kienet kostretta tinfired mir-rikorrenti ghaliex meta r-relazzjoni bejniethom ipprogrediet, ir-rikorrenti “ … kien ikun aggressiv hafna …” maghha, (ara fol 55);

11. Illi ghalhekk, l-intimata ssostni li f’Gunju, 2006, il-partijiet kienu ddecidew li jinterrompu r-relazzjoni ta’ bejniethom;

12. Illi *di piu`*, l-istess intimata ssostni li effettivament kien l-istess rikorrenti li, wara incident partikolari, (ara fol 55), kien qalilha biex taqbad hwejjigha u titlaq 'il bara ghaliex ma kien ihoss xejn aktar ghaliha, (ara fol 55);

13. Illi minn dak il-mument 'il quddiem il-kontendenti bdew saga gudizzjarja kontra xulxin li xejn ma tawspika tajjeb ghalihom;

14. Illi tant jirrizulta li ddispjacih li thassret ir-relazzjoni in dizamina li r-rikorrenti beda immedjatament relazzjoni ma' haddiehor u ghandu tarbija mill-istess;

15. Illi l-intimata tirrespingi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li kienet tiffrekwenta lil haddiehor meta kienet tohrog mieghu;

16. Illi l-intimata ssostni li l-flus uzati ghall-post intiz ghall-hajja komuni tal-kontendenti, (hamest elef Liri Maltin, (LM5,000.00), ma kienet hadet xejn minnhom, u l-flus li wzat ghal dan l-iskop kienet ghamlithom wara li hadmet ghalihom hi stess, (ara fol 84), u kienet minnhom hallset ghall-*aluminium*, ghal *gypsum*, madum tal-art, kmamar tal-banju u *air conditions*;

17. Illi l-intimata ghalhekk tirrespingi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li uzat xi flus appartenenti lilu jew lill-familjari tieghu;

Ikkonsidrat:

18. Illi f'dan l-isfond, ghalkemm il-kontendenti jidhru li kellhom hsieb generiku li eventwalment jew jizzewgu jew jghixu flimkien, ma jirrizultax li kienu gharajjes fil-veru sens legali tal-kelma;

19.0. Illi ghalhekk ma jirrizultax li hemm l-ebda reziliment t'eghrusija x'jigi kkonsidrat u r-relazzjoni bejn il-kontendenti ezawriet ruhha b'mod naturali meta r-rikorrenti:

19.1. Beda juza vjolenza fuq l-intimata, u

19.2. Jinteressa ruhu fi tfajliet ohra;

20.0. Illi min naha taghha l-intimata waslet ghall-interruzzjoni tal-istess relazzjoni meta:

20.1. Bdiet tissubixxi atti vjolenti mill-intimat;

20.2. Irrealizzat b'maturita` lodevoli li r-rikorrenti ma kienx adattat ghaliha;

**DECIDE:**

21.0. Illi tenut kont tas-suespost ma jirrizultax li r-rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li:

21.1. Takkolji r-risposti kollha tal-intimata Rena Bartolo;

21.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Dennis Ciantar;

21.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti fuq indikat.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------